**198. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

**KIRI TAL- POST MAGĦRUF BĦALA EX-OFFICERS' QUARTERS ST. MARKS'S BASTION, FLORIANA, LILL- LIBYAN ARAB MALTESE HOLDINGS COMPANY LIMITED**

Billi l- Gvern tar- Repubblika ta' Malta beħsiebu jikri lil-Libyan Arab Maltese Holdings Company Limited, il- post magħruf bħala ex- Officers' Quarters, St. Mark's Bastion, Floriana, deskritt aħjar fl- Abbozz ta' Ftehim imqiegħed fuq il- Mejda tal- Kamra, għaż-żmien, bil- kera u taħt il- kondizzjonijiet li jinsabu fl- istess Abbozz ;

U billi huwa maħsub fil- paragrafu (ċ) tas- subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal- Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal- Kamra tad- Deputati li tkun fis- seħħ fil-ħin tat- trasferiment";

U billi huwa xieraq li t- trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal- Kamra tad- Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-post magħruf bħala ex-Officers' Quarters, St. Mark's Bastion, Floriana, jista' jiġi mogħti lill-imsemmija kumpannija, Libyan Arab Maltese Holdings Company Limited, għaż-żmien, għall-iskop u l- pattijiet u kondizzjonijiet imsemmija fl-Abbozz li jinsab imqiegħed fuq il- Mejda tal- Kamra.

30.07.1979